MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2013

Numru. 446/2009

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Martin Sammut)**

**vs.**

**Joseph Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Joseph Borg ta' 43 sena, iben Anthony u Carmen nee' Agius, imwieled 19 ta' Gunju, 1965 Pieta', u residenti Blokk A, Flat 9, Triq ic-Cikas, Zabbar, ID 295465M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' Novembru, 2008, ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18.30 hrs), gewwa Triq San Gorg, San Giljan, volontarjament, hassart, ghamilt hsara jew gharaqt hwejjeg haddiehor, u cioe' vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAT 676, tal-

ghamla Toyota, ghad-dannu ta’ Keith Galea, liema hsara tammonta ghall-aktar minn €116.47 izda anqas minn €1164.69.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali[1], sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma’ kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat fis-seduta tal-14 ta’ Novembru 2012 gie verbalizzat hekk:
*“Dr. Alessia Zammit Mckeon ghall-parte civile infurmat lill-Qorti li llum stess Dr. Noel Camilleri kien ghaddiela tlett mija u hamsin Euro (€350), ghas-saldu tal-ammont tal-hsara li l-imputat kien ghamel fil-vettura ta’ Keith Galea.*
*Il-parte civile tiddikjara li m’ghandhiex aktar interess f’dawn il-proceduri kriminali.”*

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda incident li sehh fis-7 ta’ Novembru 2008 fejn il-vetturi tal-parte civile Keith Galea u tal-imputat kienu kwazi habtu hdejn roundabout. Skond ix-xhieda mhux kontradetta ta’ Galea, l-imputat hareg mill-karozza tal-linja li kien qed isuq u beda isabbat fuq il-bieba tal-karozza ta’ Galea u ghamillu hsara ta’ tliet mija u hamsin euro (€350).

Pero’ fil-mori ta’ dawn il-proceduri kriminali, u cioe fl-14 ta’ Novembru 2012, l-imputat hallas lill-parte civile l-ammont ta’ tliet mija u hamsin euro (€350) ghas-saldu tad-danni li huwa kien ikkaguna. Ghalhekk, ghalkemm ma’ saritx

[1] Fol. 4 tal-process

ammissjoni formali, jista jitqies li l-imputat ghamel ammissjoni implicita.

Rigward il-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammont thallas fil-mori ta’ dawn il-proceduri u li l-ammont ta’ danni ma’ kienx wiehed kbir.

Pero’ wiehed irid jinghad ukoll illi l-imputat hallas id-danni tlett (3) snin wara li nbdew dawn il-proceduri, u ghalhekk xorta hela l-hin u r-rizorsi tal-Qorti u tal-pulizija.

In oltre, l-fedina penali aggiornata tal-imputat ma’ hix wahda felici ghax fiha hames (5) kundanni minn dawn il-Qrati, l-iktar tnejn serji fosthom jikkoncernaw ksur tal-ligijiet u regolamenti tas-sewqan.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li l-piena suggerita waqt it-trattazzjoni tal-piena mill-prosekuzzjoni u mid-difiza ta’ liberta kondizzjonata mhix idonea fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, stante li din mhix l-ewwel darba li l-imputat kiser il-ligi – kif tixhed il-fedina penali tieghu – u ghalkemm l-ammont ta’ danni kagunati minnu ma’ kienx wiehed kbir, l-agir tieghu li jitlef il-kontroll tieghu nnifsu fuq incident minimu, huwa agir deplorevoli u perikoluz, u ghalhekk il-piena ghandha tirrifletti dawn il-fatti.

Min-naha l-ohra, l-Qorti hija tal-opinjoni li piena karcerarja effettiva lanqas hi idonea fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ hames (5) xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli

josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------